**Insellimlek ħaddiem ħabrieki ta' Ġesù**

Poeżija ta' Apprezzament lil mibki Patri Diegu Theuma OFM Cap

Inħares lejn niftakar f'Pawlu
Li fuq l-eżempju minn tiegħu mxejt,
Kemm ħdimt bil-qalb tal-Poplu t'Alla
U ħdimt bla heda sakemm għejjejt.

Imħabbtek imħeġġa għall-Knisja
Wasslitek biex tara wisq 'il bogħod,
U rajt is-sejħa Kapuċċina
Tisħieħ għall-poplu li kien jirtgħod.

Kemm kont għaref o għażiż ħija
Li rajt il-kunvent hekk tant miftuħ,
Li m'għandux bieb inkella tieqa
Imma d-dinja kollha isfel w'l fuq.

B'dik il-ħeġġa tal-qassis qaddis
Li tant kont wisq tħobb, il-Kurat t'Ars,
Int veru għext il-viċinanza
Kont dejjem għan-nies fil-għana w fl-iskars.

Int kont wieħed li tant ħeġġiġtni
Biex il-pinna ma nwaqqaf qatt qatt,
Anzi għedtli biex nikteb aktar
Biex b'hekk Alla jkompli jħobb 'l kulħadd.

Inħossok fija tant tqawwini
Li ħa nobdik għax naf x'issarraf,
Patri Diegu, Pawlu ta' żmienna
Li bik Ġesù kemm erwieħ ħataf.

Strieħ għal dejjem għax int jixraqlek
Ħdimt bla heda għal Saltnet 's-Smewwiet,
Bħal Pawlu ma bżajtx, dħalt f'kull saram
Basta twasslilna l-ogħla mħabbiet.

Li ġejjin mis-Saltna tant wiesa
Li ġennet ukoll lil San Franġisk,
Niżik ħajr Diegu li għallimtni
Inkun ma' w tan-nies ħa nibqa' frisk.

Patri Mario Attard OFM Cap
21 t'Ottubru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.